

Brussell, 20 ta' Ġunju 2023
(OR. en, pt)

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0139(NLE)

10241/23
ADD 1

ENV 631
MAR 83

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9254/23 - COM(2023) 236 final
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni stabbilita mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Ambjent Marin tal-Atlantiku tal-Grigal fir-rigward tal-emendi għad-Deċiżjoni 2021/01 tal-OSPAR dwar l-istabbiliment taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-Baħar Evlanov u r-Rakkomandazzjoni 2021/01 tal-OSPAR dwar il-Ġestjoni taż-Żona Marina Protetta tal-Kurrent tal-Atlantiku tat-Tramuntana u tal-Baċir tal-Baħar Evlanov - Adozzjoni = Dikjarazzjoni

Dikjarazzjoni mill-Portugall

1. Il-Konvenzjoni OSPAR toħloq qafas ta' teħid ta' deċiżjonijiet u kooperazzjoni stabbli u sod immirat lejn il-promozzjoni tal-governanza makroreġjonali tal-oċeani fl-Atlantiku tal-Grigal. Aħna tal-fehma li d-Deċiżjoni tal-Kunsill m'għandhiex taffettwa l-proċeduri u l-prattiki stabbiliti sew tal-Konvenzjoni OSPAR u li l-bidliet fl-arranġamenti istituzzjonali tagħha għandhom ikunu bbażati fuq raġunijiet politiċi u legali inekwivokabbli. Il-Portugall jemmen li l-introduzzjoni ta' kwalunkwe bidla fl-arranġamenti istituzzjonali eżistenti għandha tkun kompletament iġġustifikata.

2. Il-Portugall jilqa' d-Deċiżjoni dwar id-delineazzjoni taż-Żona Marina Protetta tan-NACES u r-Rakkomandazzjoni rispettiva dwar l-implimentazzjoni tagħha. Din tikkostitwixxi strument importanti għall-protezzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar.
3. Aħna nappoġġaw l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill. Madankollu, nibqgħu tal-fehma li dan l-att ma jikkostitwixxix preċedent, la f'termini ta' rappreżentanza fil-Konvenzjoni OSPAR, u lanqas f'dak li għandu x'jaqsam mal-proċeduri stabbiliti għall-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' żoni marini protetti fil-qafas tal-Konvenzjoni msemmija hawn fuq.
4. Mingħajr preġudizzju għall-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, il-Portugall jirriżerva d-dritt li jitkellem f'ismu stess matul diskussjonijiet ulterjuri dwar l-MPA tan-NACES, bħala parti kontraenti individwali għall-OSPAR, f'konformità mal-Artikolu 20 tal-Konvenzjoni OSPAR.
5. Il-Portugall jemmen li jkun utli li jiġu ċċarati proċeduri futuri li jinvolvu deċiżjonijiet fil-Konvenzjonijiet dwar Ibħra Reġjonali.
